MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru 25/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Yvonne Farrugia**
**vs**
**Francois Micallef**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Francois Micallef ta’ 24 sena iben John u Maria Anne nee’ Grech mwieled Pieta fil-11 ta’ Gunju 1984 u residenti 166, Casa Ave Maria, Triq Anglu Mallia B’Kara, ID 293784M.**

**Akkuzat talli bejn it-23 ta’ Gunju 2008 u l-4 ta’ Lulju 2008 f’dawn il-Gzejjer sabiex jikseb xi vantagg jew xi beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.**

**U iktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li ghandu s-setgha bil-ligi li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg bil-ligi.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji kif wkoll il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji wkoll.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Ghaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 188 u 108(1a) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonjiet dedotti kontrieh izda stante l-ammissjoni bikrja li ghamel u kif wkoll li kkopera mill-ewwel mal-pulizija, flok tikkundanah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------